MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2012

Numru 1172/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**
**Paul Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' Paul Scicluna ta' tlieta u tletin (33) sena, bin Mario u Theresa neè Bonello, imwieled Pieta' nhar il-21 ta' Awwissu 1979 u residenti 12 Block 8 Triq il-Gendus, Bormla, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 448079(M), talli nhar is-7 ta' Novembru 2012 gewwa Haz-Zabbar ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' kompressur, crosscut, bieb bix-xambrelli, serraturi tal-bibien u pumi tal-bibien, liema serq li sar ghad-detriment ta' Stephen Micallef mill-Mosta u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-lok, bil-hin, bil-mezz u bil-valur li

jammonta ghal aktar minn Euro 116.57 imma mhux aktar minn Euro 2,329.37.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u b'mod partikolari l-fedina penali ta' l-imputat markata Dok. "FS2" u r-rapport yal-Pulizija dwar is.a.serqa markat Dok. "FS3";

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuza migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li din il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet ta' l-Ufficjal Prosekutur dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, issib lill-istess imputati hati ta’ l-akkuza dedotta kontrih.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat kif ukoll ol-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri. Madanakollu kkunsidrat ukoll in-natura tar-reat li tieghu qed jiinstab hati kif ukoll il-fatt li problemi li persuna jista' jkollha ma jigux solvuti mit-twettiq ta' reat.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 270, 278 (3) u 31 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ttenni li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu tikkundannah ghal perijodu ta’ tmien (8) xhur prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tissospendi t-terminu ta’ tmien (8) xhur prigunerija ghal sena (1) b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità

tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------